**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**

**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tal-11 ta' Lulju, 2018**

**Talba numru 281/2016 AM3**

**Numru fuq il-Lista: 12**

**Coleiro General Supplies Limited (C3429)**

**Msida Valley Road,**

**Birkirkara**

**vs**

**Smart Green Systems Co. Limited (C48073)**

**90/92, Di Natura,**

**Psaila Street,**

**Birkirkara BKR 9073**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat mis-socjeta' attrici fis-26 ta' Lulju, 2016 li permezz tieghu talbet minghand is-socjeta' konvenuta l-hlas tas-somma ta' erbat elef mija u erbatax il-

ewro u erbgha u sebghin centezmu (€4,114.74c) ghal merkanzija u apparat mibjugh u konsenjat lill-istess socjeta' konvenuta fuq inkarigu tal-istess.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta a fol 9 li permezz taghha eccepiet li t-talba tas-socjeta' attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt; li l-merkanzija u l-apparat konvenjati lis-socjeta' intimata ma humiex tal-kwalita' pattwita; li di fatti Godfrey Formosa f'isem is-socjeta' intimata, kien immedjatament interpella lis-socjeta' rikorrenti sabiex tigbor lura tali apparat u sabiex tirrifondi d-depozitu akkont ta' hames mitt ewro (€500) maghmul mis-socjeta' intimata favur is-socjeta' rikorrenti; li s-socjeta' intimata baqghet inadempjenti u konsegwentement jirrizulta li mhux tali ma hemm l-ebda somma dovuta lis-socjeta' rikorrenti talli s-socjeta' rikorrenti hija debitrici tas-socjeta' intimata fl-ammont ta' hames mitt ewro (€600) (kif imnizzla fir-risposta); li ghalhekk qeghda ssir kontro-talba kontestwalment;

Ra l-kontro-talba tas-socjeta' konvenuta li permezz taghha qed titlob is-somma ta' hames mitt ewro (€500) bhala depozitu akkont li sar mis-socjeta' konvenuta favur is-socjeta' attrici rikonvenzjonata ghal konvenja ta' appartat; li mal-konsenja tal-apparat irrizulta li tali apparat ma kienx tal-kwalita' patwita; li s-socjeta' intimata rikonvenzjonanta immedjatament interpellat lis-socjeta' intimata sabiex tigbor lura l-apparat u tirrifondi d-depozitu maghmul akkont; li s-socjeta' rikorrenti rikonvenjonanta baqghet inadempjenti u ghalhekk jirrizulta li s-socjeta' intimata rikonvenjonanta hija kreditrici tas-socjeta' rikorrenti rikonvenzjonata fl-ammont ta' hames mitt ewro (€500); li ghalhekk kellha ssir din il-kontro-talba; tghid ghalhekk is-socjeta' rikorrenti rikonvenzjonata ghala m'ghandix thallas l-ammont ta' hames mitt ewro (€500) lis-socjeta' intimata rikonvenzjonanta bl-ispejjez u bl-imghax sad-data tal-pagament effettiv.

Ra d-digret ta' dan it-Tribunal a fol 33 li permezz tieghu awtorizza lis-socjeta' attrici tipprezenta l-eccezzjonijiet taghha ghal kontro-talba tas-socjeta' konvenuta.

Ra r-risposta tal-kontro-talba tas-socjeta' attrici a fol 36 eccepiet li l-kontro-talba hija manifestament infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha ghalhekk tigi responta bl-ispejjez kontra l-istess socjeta' u dan stante li 'inter alia' l-apparat ikkonsenjat kien tal-kwalita' patwita tant li l-istess socjeta' intimata zammet l-istess apparat u sussegwentement ghall-allegata pretensjonijiet u interpellazzjoni li ghamlet ghar-rifuzjoni tad-depozitu

minnha mhallas hija kkonfermat li l-apparat jahdem perfettament u skont l-iskop intiz minnha; li sallum infatti dan l-apparat ghadu fil-pussess tas-socjeta' intimata rikonvenjonanti li baqghet qatt ma pprocediet gudizzjarment u in sostenn tal-allegazzjonijiet taghha fil-konfront tas-socjeta' Coleiro General Supplies Limited u fi kwalunkwe kaz, is-socjeta' esponenti ma tista' qatt tigi kkundannata tirrifondi depozitu imhallas ghal xiri ta' apparat li nzamm mis-socjeta' intimata minghajr talba 'ad hoc' biex l-apparat jittiehed lura mis-socjeta' attrici liema talba xorta wahda tkun tezorbita mill-kompetenza ta' dan it-Tribunal.

Ra l-affidavit ta' Godfrey Formosa a fol 41 et li permezz tieghu xehed li huwa Direttur tas-socjeta' konvenuta u li l-kumpanija avvicat lis-socjeta' attrici biex tghinhom jixtru gas analyzer li jistampa ir-rizultati tal-analizi fl-emissjonijiet ta' CO2 (NOX) u ghamilha cara lilhom mill-bidunett li kellu bzonn gas analyzer li apparti li jaghmel analizi tal-gassijiet b'mod partikolari ghal sistema LPG fuq magni diesel ikun jista wkoll jistampalu rapport relative ma' dak it-test. Din il-funzjoni skont Formosa kienet kardinali u essenzjali ghax-xoghol taghhom inkella l-apparat ikun inutli ghal kumpanija. Huwa avvicina lis-socjeta' attrici peress li kienu l-unici distributur tal-kumpanija taljana Tecnomotor SpA u huma ssugerewlhom gas analyzer partikolari mil-linja tal-prodotti ta' din is-socjeta' kummercjali partikolari. Rapprezentanti tas-socjeta' attrici tawhom l-assigurazzjoni taghhom li dan l-apparat partikolari kien proprju specifikat ghall-ghanijiet kummercjali tas-socjeta' konvenuta. Saret l-ordni u huwa hallas deposit ta' hames mitt ewro (€500) izda kif wasal dan l-gas analyzer induna mill-ewwel li dan ma kellux l-funzjoni specifika li talabhom u cioe' li jistampalu rapport meta Simon Bonello tas-socjeta' attrici kien jaf li huma kellhom bzonn gas analyzer li jistampalhom r-rapport u dan jammettih fl-affidavit tieghu stess. Huwa gibdilhom l-attenzjoni dwar dan in-nuqqas permezz ta' e-mail u rreferewh direttament mal-kumpanija taljana Tecnomotor SpA. Wara diversi tentattivi sabiex din il-problema tigi solvuta mal-kumpanija Taljana dawn sfaw kollha fix-xejn u ghalhekk huwa qed jitlob ir-rifuzjoni tad-depozitu u jichad li ghandu jaghti xi flus lis-socjeta' attrici.

In kontro-ezami a fol 92 et Godfrey Formosa l-gas analyzer li xtraw minghand is-socjeta' attrici kien specifikat biex jiccekkja n-knocks u kkonferma li fl-email li baghat Simon Bonello hemm miktub li joffru ticket printer li skont hu ticket printer huwa integrat fl-apparat u rega kkonferma li huwa talab li l-apparat ikollu ticket printer. Huwa jichad lis-

socjeta' attrici flimkien mieghu hadu hsieb li l-printer jigi installat u l-magna giet ritornata lilu u spjega li meta ltaqghu mas-suppliers taghhom ppruvaw isibu soluzzjoni biex johorgu framework biex ikun jista jipprintja l-gas analyzer fuq in-knocks izda mit-ticket printer tal-mobile machine l-gas analyzer ma harigx. Huwa ma setax jaccetta li jaghmel framework biex tipprintja fuq printer apparti stante li huma jahdmu minn go vann u jkunu jridu jipprintjaw minn go vann u minn go vann ma tistax zzid printer iehor akkont ma' din is-sistema biex tipprintja. Huwa ammetta li l-apparat ghadu ghand is-socjeta' konvenuta u li s-socjeta' attrici qatt ma accettat biex tiehdu lura. Huwa jammetti li ghandu jaghmel negozju mas-socjeta' attrici sal-lum u li dan l-unika prodott li kien hemm problema ghax huma ordnaw xi haga specifika biex jipprintja knocks fuq id-diesel minn l-isess magna li jkunu 'on mobile' huma izda ma hargitx.

A fol 66 et fl-affidavit tieghu Simon Bonello, General Manager mal-kumpanija attrici xehed li f'Gunju, 2014 is-socjeta' konvenuta xtrat apparat li jissejjah opacity meter minghandhom u kien Lino Brincau r-rapprezentant tekniku tal-kumpanija konvenuta li ghazel dan l-apparat u huma pprovdewlu dan l-apparta u thallsu l-prezz kollu. F'Ottubru 2014 l-istess Brincau rega kkuntattjawhom dwar dan l-apparat mertu ta' din l-kawza u baghtilhom dokumenti b'informazzjoni dwar apparat simili bl-ispecifications tal-unit li kien qieghed ifittex. Fit-03 ta' Novembru, 2014 huwa baghat e-mail lil Brincau fejn elenka l-ispecifications teknici kollha kif ukoll il-prezz tal-gas analyzer komplut bin-NOX sensor li l-kumpanija attrici setghet tissuplixxi lis-socjeta' konvenuta Smart Green Systems Limited u anke ftehmu l-prezz ta' erbat elef sitt mija u tnejn ewro inkluz VAT (€4,602.00c). Godfrey Formosa mis-socjeta' konvenuta kkonferma l-ordni u hallas depozitu ta' hames mitt ewro (€500). Huwa jammetti a fol 67 li s-socjeta' konvenuta riedet li l-valuri jigu stampati biex ikollha x'turi lill-awtoritajiet id-differenza fil-livelli tan-NOX qabel u wara jigi installat is-sistema taghhom fuq l-vettura u ghalhekk is-socjeta' attrici talbet l-ghajnuna ta' Tecnomotor SpA biex issir il-modifika necessarja li tkun tippermetti l-istampar tan-NOX values u hekk ghamlet il-kumpanija taljana li pprovdiet firmware aggornat li bih seta' jigi stampat ir-readings kif ried il-klijent. Rega giet ttestjat l-analyzer u Brincau deher sodisfatt hafna bl-apparat li seta' jkejjel u jipprintja l-valuri tan-NOX kif xtaq hu.

In kontro-ezami a fol 73 Simon Bonello li kkonferma li l-istampar ma kienx qed isir fuq l-apparat provdut u huma kkonsultaw mal-kumpanija taljana li tissuplixxihom u saru l-

aggustamenti tant li Lino Brincau kien gie l-premises tal-kumpanija attrici u fil-prezenza tat-technician tal-istess kumpanija saru t-testijiet u pprintjaw ukoll ticket bin-knock values. Huwa kellu xi vann tieghu personal li kellu xi apparat li kienu qed jimmarkitjaw lil Smart Green Systems jew ha jipprovaw jimmarkitjaw u huwa ghamel test qabel u ha l-values u ghamel test wara u ha l-values. Huwa rrimarka li mad-dokumenti annessi mal-affidavit ta' Godfrey hemm inkluzi prodott iehor li ma ghandux x'jaqsam mal-kawza u kkonferma li d-depozit kien ta' hames mitt ewro (€500) li thallas mis-socjeta' konvenuta.

A fol 68 fl-affidavit tieghu, Louis Coleiro, Direttur tas-socjeta' attrici xehed li Simon Bonello ha hsieb dan in-negozju u huwa jaf li Godfrey Formosa u Lino Brincau mis-socjeta' konvenuta riedu dan l-apparat specifiku u hekk sar. Jaf li kellu jsir xi aggustament ghall-apparat u hekk sar u l-klijent kien sodisfatt hafna bih u qatt ma rega kkuntattjah b'xi diffikulta. Kien biss wara li baqghu ma hallsux il-bilanc li cempel lis-socjeta' konvenuta u Ray Galea minn l-istess socjeta' dejjem assigurah li ser isir il-hlas. Fid-19 ta' Mejju, 2016 meta s-socjeta' attrici permezz ta' ittra ufficjali interpellat lis-socjeta' konvenuta ghal hlas u baqghu ma rcevew ebda risposta minghand is-socjeta' konvenuta u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

A fol 80 et in kontro-ezami Louis Coleiro xehed li Simon Bonello qallu li l-apparat qed jahdem u li kien kollox sew min-naha taghhom u meta Bonello kkuntattja lil klijent ghal pagament hadd ma qallu li Formosa kellu xi problema fih.

A fol 69 fl-affidavit tieghu Kenneth Coleiro xehed li huwa Direttur flimkien ma' huh Louis tas-socjeta' attrici u li ma' Godfrey Formosa kellu rapport tajjeb hafna tant li kienu xtraw pannelli tad-djar taghhom minghandu u kienu jitkellmu wkoll fuq hobbies personali ta' sport li kellhom in komuni bejniethom. Huwa fl-24 ta' April, 2016 mar fil-hanut tas-socjeta' konvenuta gewwa Psaila Street, Birkirkara u ftit wara dahal fil-hanut Godfrey u staqsih ghaliex ma hallasx u huwa spjega li kellu xi problemi personali u l-progett li kellu fejn kien ser jintuza l-apparat falla. Godfrey Formosa assigurah li l-apparat jahdem perfett tant li qallu biex jipprova isiblu l-bejgh tieghu u assigurah li kien ser ihallsu. Izda ma gara xejn minn dan u huwa injora t-telefonati u l-messaggi tieghu.

In kontro-ezami a fol 76 et Kenneth Coleiro xehed Godfrey qatt ma semmielu li kien hemm problema fil-prodott u anzi kien rringrazzjah tal-pacenzja li hadu bih.

Ra d-dokumenti kollha esebiti.

Semghet il-partijiet jitrattaw il-kawza.

Ikkunsidra ulterjorment it-talba tas-socjeta' attrici.

Din hija talba ghal bilanc dovut fuq xiri ta' apparat li sar mis-socjeta' konvenuta. Is-socjeta' konvenuta tispjega li dan l-hlas ma ghandhiex taghmlu ghax l-apparat provdut ma kienx jipprovdi printing li kien hemm bzonn haga li s-socjeta' attrici tichad ghalkemm tammetti li mal-konsenja dan ma kienx provdut u wara saru xi aggustament u tali printing beda jsir kif suppost. Is-socjeta' konvenuta tichad dan u Formosa a fol 42 jghid li xorta wahda ma kienux sodisfatti bit-tiswija u tibdiliet li saru ghax ir-rapport xorta wahda ma kienx qed johrog kif xtaquh.

Illi s-socjeta' attrici tispjega kif tali konsenja saret fis-sena 2015 u li sakemm intavolaw dawn il-proceduri s-socjeta' konvenuta qatt ma ilmentat dwar il-prodott suplit. Anzi xehed Kenneth Coleiro li meta mar ifittex lil Godfrey Formosa fil-hanut tieghu huwa qallu li n-negozju ghal xiex ried l-apparat ma irnexxiex u talbu jsiblu bejgh tal-apparat u assigurah li ser ihallsu, haga li qatt ma giet kontradetta minn l-istess Formosa li fil-kawza baqa' jsostni li l-printing fl-apparat baqa' ma kienx tajjeb .

Illi mid-dokumenti esebiti senjatament minn li specifications li baghtet is-socjeta' konvenuta permezz ta' Carmel Brincau fil-31 ta' Ottubru, 2014 fol 14 et lil Simon Bonello ghas-socjeta' attrici, Brincau baghat li specifications li huwa kellu bzonn ghal dawn il-gas analyzers u li fl-email tat-03 ta' Novembru, 2014 Bonello a fol 17 kkonferma li l-apparat kellu ticket printer liema ordni giet konfermata minn Godfrey Formosa fit-18 ta' Frar, 2015 a fol 22. Gara li fit-23 ta' Marzu, 2015 fol 25 Bonello baghat lil Tecnomotor il-kumpanija taljana li ssuppliet lis-socjeta' attrici dan l-apparat email jistaqsi li l-apparat *'devono essere in grado di stampara il risultato con NOX dallo strumento entro Giovedi'* li infurmatu bix-xoghol ried isir.

Jirrizulta wkoll minn fol 56 permezz ta' e-mail tat-12 ta' Marzu, 2015 li Godfrey Formosa kien informa lis-socjeta' attrici tramite Simon Bartolo biex jigbru l-apparat ghax ma kienx sodisfatt bih u talab rifuzjoni tad-depozitu. E-mails sussegwenti jekk kien hemm ma gewx prezentati.

Is-socjeta' konvenuta qed tibbaza r-ragunijiet ghaliex hija ma ghandhiex thallas il-bilanc dovut fuq fuq l-Artikolu 1390 tal-Kodici Civili dwar il-kaz tan-nuqqs tal-kwalita' essenzjali mweghda ossija fejn il-haga kkonsenjata hi diversa minn dik patwita ("aliud pro alio"). L-Artikolu 1390 jghid hekk: *Jekk il-haga li l-bejjiegh igib biex jikkunsinna ma tkunx tal-kwalita' mwieghda, jew ma tkunx bhall-kampjun li fuqu l-bejgh ikun sar, ix-xerrej jista' jaghmel jew li jirrifjuta l-haga u jitlob id-danni, jew li jircevi l-haga bi prezz anqas fuq stima ta' periti.*

Illi l-Qrati taghna kellhom diversi okkazjonijiet jesprimu ruhhom fuq l-Artikolu 1390 tal-Kodici Civili.

Fil-kawza fl-ismijiet **Pace Asciaq Anthony et vs Camilleri Joseph et** (Imh Sciberras 28 ta' Jannar, 2004) intqal:

"*Minn dak rinvenut fil-Kodici Civili jirrizulta li r-rimedji miftuha lix-xerrej f'kaz ta' vendita huma essenzjalment dawk dettati mill-Artikolu 1390 u 1427. Rimedji li fil-kaz tal-ewwel artikolu bazat fuq in-nuqqas tal-kwalita mweghda, jakkorda lix-xerrej fil-mument tal-konsenja tal-oggett mibjugh, li jaghzel jew li jirrifjuta l-haga u jitlob ukoll id-danni jew li jircievi l-haga bi prezz anqas fuq stima ta' perit. Fil-kaz tat-tieni, bazat fuq il-garanzija ghad-difetti li ma jidhrux, il-ligi wkoll tassenjalu d-dritt tal-ghazla wara r-ricezzjoni tal-oggett, jigifieri jew li jirrecedi mill-bejgh bl-azzjoni redibitorja jew li jzomm il-haga u jitlob lura dik il-bicca mill-prezz li tigi stabbilita mill-Qorti u li tirrapprezenta l-valur tad-difett riskontrat, bl-azzjoni proprjament imsejha estimatorja. Huma dawn ir-rimedji li l-ligi tipprrovdi lix-xerrej ..*"

Ghalhekk meta l-haga mibjugha ma tkunx dik tal-kwalita' miftehma wiehed ma jistax jitkellem dwar vizzju redibitorju imma ta' kaz ta' nuqqas tat-twettiq tal-kuntratt li ma ghandha xejn x'taqsam mal-garanziji tal-vizzji redibitorji z-zewg azzjonijiet ma joqghodux flimkien u dan sewwa sew minhabba l-kawzali interenti ghal kull wahda minnhom kif ukoll ghar-rimedji partikolari moghtija lix-xerrej that kull wahda (Vitafoam Limited vs Kosmipharma Imports Limited Prim Awla 26.6.2003). Inoltre gie kostantament ripetut minn dawn il-Qrati u dan jirrizulta wkoll mit-test tal-ligi li d-dritt

naxxenti mil-vizzju redibitorju ma jistax jigi dedott b'eccezzjoni imma ghandu jigi ezercitat fi zmien utli fl-azzjoni (Zammit Automobiles Limited vs Charles Bezzina Prim Awla 30.6.2003) gie kostantament ritenut illi " il diritto nasciente dal vizzio que intitola l'azione redibitoria non puo essere ridotto in linea di eccezzione ma deve essere ezercitata in tempo utile per via d'azione (vol XX prt 1 pg 281) (Vol XXIX prt 2 pg 1170).

Illi mill-atti jirrizulta li s-socjeta' konvenuta ma ghamlet xejn minn dan u anzi zammiet l-oggett li skont hi ma hux tal-kwalita' patwita. L-oggetti kellu per forza jigi ritornat lil venditur jew altrimenti jigi depozita taht l-Awtorita tal-Qorti. Kompratur li jinghata konsenja ta' haga mhux tal-kwalita' miftehma jew bil-hsara ghandu diversi rimedji miftuha ghalih inkluz li jhassar il-bejgh jew jitlob li jnaqqas il-prezz pero' jrid jagixxi biex jirreklama d-drittijiet tieghu. Huwa ma jistax jibqa jzomm l-oggett u jqajjem il-kwistjoni tal-kwalita' inferjuru jew hsara biss wara li jigi azzjonat il-hlas (Prim Awla Joseph Pitre vs Anthony Muscat 2.6.2005) gie ritenut fis-sentenza Zammit Automobiles Limited vs Charles Bezzina fuq citata illi " Jekk ix-xerrej jaghzel li jzomm l-oggett lilu konsenjat u bl-ebda mod ma jirreagixxi skont kif trid il-ligi, ghal fatt li dak l-oggett ma jkunx skont il-kampjun jew tal-kwalita' patwita hu qieghed jippregudika rrimedjabilment l-pozizzjoni tieghu."

Ghalhekk dan it-Tribunal ma jistax lanqas kieku jrid jilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta stante li ma ghamlet xejn minn dak li tipprovdi l-ligi.

Re Kontro-talba

Li s-socjeta' konvenuta qed titlob rifuzjoni tad-depozitu li hallset cioe' tas-somma ta' hames mitt ewro (€500) liema talba qed tigi michuda ghar-ragunijiet imsemmija hawn fuq.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici u jordna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici l-bilanc dovut ta' erbat elef mija u erbatax il-ewro u erbgha u sebghin centezmu (€4,114.74c) bl-imghaxijiet legali mid-data tal-ittra ufficjali 19 ta' Mejju, 2016 mhux mid-data tal-konsenja kif qed qed tippretendi s-socjeta' attrici stante li kellhom isiru xi aggustamenti fl-apparat u d-data ta' meta saru dawn l-aggustamenti ma gietx pruvata, sad-data tal-effettiv pagament.

Dwar il-kontro-talba tas-socjeta' konvenuta din qed tigi michuda.

Spejjez a karigu tas-socjeta' konvenuta.

**Dr Anna Mallia**

**Gudikatur**